MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 1050/2009

**Anna Rita Aquilina**
**(I.D. Nru. 399859 (M))**

**vs**

**Camilleri & Camilleri House Limited**
**(C – 29941)**
**John Camilleri (I.D. Nru. 461359 (M))**
**Maria Dolores sive Doreen Camilleri (I.D. Nru. 438561 (M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti datat id-29 t'Ottubru, 2009, li permezz tieghu sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi b’kuntratt datat it-12 ta’ Mejju, 2003, ir-rikorrenti kriet il-fond meritu ta’ din il-procedura lill-intimati konjugi John u Maria Dolores sive Doreen Camilleri;

2. Illi ai termini tal-klawsola numru 5 tal-istess kuntratt l-imsemmija ntimati krew l-istess fond lil kumpanija li fiha huma jkollhom maggoranza tal-ishma u dan, permezz ta’ skrittura privata datata l-25 t’Ottubru, 2003, liema kumpanija hi dik indikata bhala wahda mill-intimati fl-okkju tal-istess kawza;

3. Illi l-intimati jew min minnhom, ghandhom jaghtu lir-rikorrenti s-somma ta’ tlettax –il elf, erba’ mija u hamsin Ewro u hamsin centezmu, (€13,450.50), f’kera ghall-istess;

4. Illi ghalkemm interpellati, l-intimati baqghu inadempjenti;

5. Illi l-ammont dovut hu wiehed cert, likwidu u dovut, u konsegwentement ir-rikorrenti talbet li l-procedura tipprocedi bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza;

Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti ssottomettiet is-segwenti talbiet biex jigu decizi minn din il-qorti:

1. Illi tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12;

2. Illi tikkundanna u tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ndikata fil-paragrafu numru 3 aktar qabel;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi sad-data tal-pagament effettiv;

Rat il-verbal taghha diversament preseduta datat it-2 ta’ Dicembru, 2009, li permezz tieghu, wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-intimati ddekretat li l-intimati kellhom ragunijiet x’jipproducu b’risposta ghall-procedura odjerna u konsegwentement ipprefiggiet terminu hemm indikat ghal dan il-ghan;

Rat ir-risposta tal-intimati datata l-11 ta’ Dicembru, 2009, li permezz taghha rrispondiet sintetikament bil-mod segwenti:

1. Illi preliminarjament l-intimat John u Maria Dolores sive Doreen Camilleri m’ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u allura ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi l-ammont mitlub mir-rikorrenti mhux korrett;

3. Illi di piu`, is-socjeta` ntimata tirribadixxi li ghandha thallas biss lir-rikorrenti l-kera sal-31 ta’ Marzu, 2008, meta intemmet il-kirja;

Rat il-verbal ta’ din il-qorti diversament preseduta datat it-13 ta’ Jannar, 2010, li permezz tieghu:

1. Hatret assistent gudizzjarju biex jisma’ l-provi dwar l-ewwel eccezzjoni;

2. Illi l-kawza kienet differita ghat-trattazzjoni finali fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata;

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali tat-3 ta’ Jannar, 2012, li permezz taghha pprezenta l-inkartament f’idejn l-assistent gudizzjarju;

Ikkunsidrat:

Illi din hi biss sentenza parzjali limitatament fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimati rigwardanti l-fatt jekk l-intimati John u Maria Dolores sive Doreen Camilleri personalment ghandhomx jigu estromessi mill-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi f’dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-intimati John u Maria Dolores sive Doreen Camilleri ikkommettew ruhhom personalment bhala kerrejja tal-fond 350, Naxxar Road, Hal Balzan, permezz tal-kuntratt ta' kera datat it-12 ta' Mejju, 2003, in atti tan-Nutar Dottor Nicholette Vella;

2. Illi fit-termini tal-klawsola numru 5 tal-istess kuntratt il-kerrejja konjugi Camilleri cedew id-dritt li jissullokaw l-imsemmi fond sakemm, ma jkunx hemm il-kunsens skritt tar-rikorrenti Aquilina li kritilhom l-istess fond li wkoll minn naha taghha, din tal-ahhar, intrabtet li ma tirrifjutax tali kunsens favur socjeta` ta' liabilita` limitata fejn l-istess kerrejja konjugi Camilleri jkollhom il-maggoranza tal-ishma;

3. Illi effettivament meta tqajjmet din il-possibilita`, ir-rikorrenti tat il-kunsens taghha biex il-kera tinqaleb fuq l-imsemmija kumpanija, (ara fol 42);

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jigi rilevat sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-kwistjoni odjerna hi fuq ammont ta' kera dovuta lir-rikorrenti skont il-kuntratt in dizamina;

2. Illi tul l-ezistenza tar-rabta kontrattwali bejn il-partijiet jirrizulta assodat li hemm perjodu fejn l-intimati huma responsabbli personalment u iehor sussegwenti fejn giet entromessa s-socjeta` ntimata;

3. Illi ghalhekk, kwantu hemm perjodu li ghalih l-intimati jridu jwiegbu personalment, din il-oqrti m'ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li tirrespingi l-eccezzjoni preliminari in dizamina;

Ghaldaqstant, in vista tal-istess, din il-qorti, tirrespingi l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati u tordna l-prosegwiment tal-kawza;

Tirrileva wkoll li l-ispejjez fir-rigward qed jigu rizervati ghall-konkluzjoni tal-vertenza fuq il-meritu;

Illi inoltre, tiddikjara li tirriappunta l-istess kawza ghall-kontinwazzjoni wara li tisma' lill-partijiet.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------